# Smigħ Tikka Malti 4b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/podcasts**

*Paġna 15*

**It-tellieqa tad-dgħajjes**

Fit-tellieqa tad-dgħajjes illi ssir fit-8 ta' Settembru fil-port il-Kbir, jikkompetu ħafna dgħajjes. Min minn Bormla u l-Kalkara, min mill-Birgu, min mill-Belt.
Isa arahom se jtellqu, filli hawn u filli diġà hemm!
L-ewwel post għall-frejgatina l-kaħla.
Il-kajjik ikkulurit it-tieni.
It-tielet il-frejgatina kannella u r-raba' d-dgħajsa tal-midalji.
Id-dgħajsa tal-pass vjola ġiet il-ħames.
Is-sitt waħda hija frejgatina blu ċar ħafna.
Is-seba' post għad-dgħajsa tal-pass b'kulur ċass.
U t-tmien wieħed għal kajjik kemxejn imdaqqas.
Fid-disa' post hemm dgħajsa oħra tal-midalji.
U l-għaxar post (u l-aħħar) għal dgħajsa lewn il-baħar.

*Paġna 17*

**X'kienu jagħmlu x-xjuħ fl-antik?**

Fl-antik, meta ma kienx hawn televixin u kompjuters, meta t-toroq ma kellhomx it-tarmak u l-karozzi kienu ftit, it-tfal kienu jilagħbu bil-blalen u l-pupi taċ-ċarrut fit-triq. Filgħaxijiet, ix-xjuħ kienu jintasbu fuq l-għatba tal-bieb jew inkella f'xi kantuniera fit-triq, u joqogħdu jirrakkuntaw l-istejjer. Madwarhom kienu jinġabru t-tfal u ġieli anki l-kbar biex jisimgħu l-istejjer tad-daħq u xi drabi tal-biża', li kienu jirrakkuntaw dawn ix-xjuħ għakka mimlija b'ħafna għerf.

Kienu jirrakkuntaw minn kollox: minn ħrejjef popolari ta' Esopu bit-tagħlima fl-aħħar, sa ħrejjef oħra li kienu joħolqu minn żniedhom. Ġieli, storja kienet titkompla l-għada. Dan kien isir biex it-tfal ma jiddejqux u l-għada jerġgħu jintefgħu bilqiegħda mal-art jisimgħu lil min hu iktar għaref minnhom. Mhux kulħadd kien jaf jirrakkonta bl-istess ħeġġa u entużjażmu. Imma min kellu t-talent, kien tassew isaħħar lil kull min kien jisimgħu.

*Paġna 30*

**Il-poetessa Mary Meylak**

Fis-sit www.fittexusib.com issibilna minn kollox!

F'Malta nafu b'iktar poeti rġiel milli nisa. Waħda mir-raġunijiet tista' tkun li n-nisa ma kinux ikomplu skola u l-irwol tagħhom fis-soċjetà kien dak li jibnu familja u jrabbu t-tfal. Imma waħda mill-poetessi nisa li baqgħet magħrufa għall-poeżiji tagħha hija Mary Meylak. Twieldet Għawdex fl-1905 u għexet ħajjitha kollha hemm. Mary Meylak iddedikat ħajjitha kollha għall-kitba. Hija magħrufa l-iktar għall-mod kif kienet tiddeskrivi l-ħlejjaq iż-żgħar fin-natura bħal ngħidu aħna xi dubbiena, naħla jew farfett, xi pjanta, frotta jew siġra. Il-poeżiji tagħha, ħafna drabi huma sempliċi, bir-rima u xi kultant tad-daħq ukoll. Wara Mary Meylak kien hemm nisa oħra li bdew jiktbu l-poeżiji tagħhom fosthom Doreen Micallef, Lilian Sciberras u Maria Grech Ganado.

*Paġna 31*

**Il-Maġġordomu tal-Villa** ***ta' Mary Meylak***

Mela l-Villa jien fettilli
Illi nagħmel Maġġordomu,
Li hu s-Sur Rixuqawsalla,
Imma nsejt x'inhu kunjomu!

Pappagall naf li hu mlaqqam,
Ġewwa gaġġa f'nofs il-Villa,
Daqskemm jagħmel kumplimenti,
In-nies bih togħxa u tirvilla.

Lil kulħadd jilqa' b'"Bonġornu!"
Lil kulħadd isellem "Saħħa!"
Imma nzerta ras ta' qargħa,
Ma jistax moħħu jerfagħha;

Għalxejn ngħallmu, rġiel u nisa
Biex jagħżilhom, baqa' lura,
Jgħid lin-nisa: "X'għandna Mister?"
U lir-rġiel: "Saħħa Sinjura!"

*Paġna 39*

Asal wasla sal-ħanut EJJ'OQGHOD u ara b'għajnejk l-għażla ta' siġġijiet li għandna. Trid siġġu komdu? Tixtieq tbiddel is-siġġijiet tal-mejda tal-kċina. Jew inkella, tixtieq li jkollok l-aħħar mudell, l-iktar mudell oriġinali?

Mela imxi, isa, għadek hemm? Ċempel u naqduk mill-ewwel. Ejja u ġib għajnejk wara widnejk. Issib kull tip ta' siġġu f'kull kulur u tista' tagħżel dak li jaqbillek. Kif tidħol

mit-triq ewlenija ta' Ħaż-Żabbar, aqbeż il-mina ta' Hompesch, ibqa' tiela' u dur fuq l-ewwel kantuniera tal-lemin, inżel it-triq kollha u ħares faċċata. Hemm tara ħanut kbir kollu kuluri … u siġġijiet. Onfoq 'il fuq minn €50, u nagħtuk banketta ċkejkna b'xejn. Ixtri erba' siġġijiet u wieħed minnhom nagħtuhulek b'xejn.

Ma ssuqx? Tħabbilx rasek. Issa qed noffru wkoll servizz speċjali li nwasslulek is-siġġijiet id-dar. Tħallix għall-aħħar. Żanżan siġġu ġdid illum!

*Paġna 41*

**L-Imperattiv *ta' Trevor Żahra***

L-Imperattiv,
Minn fuq it-tron,
Kien iħares lejn il-folla
U jieħu gost jikkmanda n-Nomi kollha:
"AHDMU r-raba'!
AGĦŻQU l-ġnien!
IFTĦU t-twieqi!
AGĦLQU l-bibien!
SAJRULI l-ikel!
AĦSLULI l-art!
NEWLULI x'nixrob!
ĠIBULI l-ward!"
U hekk kien jibqa' sejjer
Jikkmanda, żorr u kburi,
U n-Nomi kollha xebgħu
Jagħmluha ta' sefturi.
Reġa' daħal għalihom is-Sur Nin,
Resaq mat-tron u qallu:
"ISKOT, xbin!
AGĦLAQ ħalqek bla telf ta' żmien!
OQGĦOD bi kwietek,
MUR staħba xi mkien!"
U n-Nomi kollha ħassewhom
Mistriħin,
Imm'hekk kif warrab is-Sur Nin
L-Imperattiv reġa' qalilhom:
"OBDU, ja salt għażżenin!"
U hekk baqgħu sejrin.

Paġna 52

**L-akkwedotti**

Hemm arkati naturali u hemm arkati mibnija minn nies. Madwar 400 sena ilu, il-Gran Mastru Alof De Wignacourt kien beda proġett importanti ħafna. Kull Gran Mastru kien iħalli l-marka tiegħu billi jibni xi ħaġa bħal de Valette li bena l-Belt Valletta. Wignacourt bena l-akkwedotti u ħallashom minn butu. Dawn kienu arkata ħdejn arkata minn H'Attard sa Santa Venera biex l-ilma tajjeb għax-xorb li jkun nieżel mir-Rabat jasal sal-Belt. Din l-idea inġenjuża ħadmu fuqha bla nifs l-inġinier Taljan Bontadino de Bontadini u tliet imgħallmin, fosthom Maltin. Ix-xogħol sar minn madwar 600 ruħ għal 5 snin sħaħ. Ix-xogħol tlesta fil-21 ta' April 1615.

Paġna 57

Dan huwa esperiment b'qoxra ta' bajda. Jekk timxi mal-istruzzjonijiet, jirnexxilek tagħmlu.

L-ewwel: Aqbad il-kuċċarina u agħti daqqtejn fuq il-ponta tal-bajda.

It-tieni: Neħħi biċċa żgħira mill-qoxra tal-bajda bil-mod il-mod. Qis li ma tkissirhiex kollha!

It-tielet: Se tneħħi l-abjad u l-isfar tal-bajda fi skutella. Aqbad il-bajda u dawwarha rasha 'l isfel u tara l-abjad u l-isfar neżlin.

Wara: Dawwar it-tejp ma' nofs il-bajda.

Imbagħad: Fuq it-tejp agħmel linja mad-dawra kollha tal-bajda b'lapes skur jew pinna.

Wara: Għaddi l-ponta tal-imqass minn fuq il-linja li tkun immarkajt. Il-bajda tinqasam fi tnejn. Armi l-parti li għandha toqba fiha u żomm il-parti l-oħra.

U issa? Issa trid tagħmel hekk għal kull bajda u tara li għandek 4 nofsijiet bla ebda toqba jew daqqa fuqhom. L-erba' nofsijiet iridu jkunu kemm jista' jkun indaqs, inkella l-esperiment ma jaħdimx.
Malli jkollok erba' nofsijiet ta' qxur tal-bajd, poġġihom mal-art f'forma ta' rettanglu.

U fl-aħħar? Fl-aħħar għandek tpoġġi l-kotba li tħobb wieħed wieħed, bil-mod, fuq l-erba' qxur tal-bajd.

X'qed jiġri? Kemm irnexxielek tpoġġi kotba qabel ma l-bajd inkiser?

*Paġna 76*

**Silta mid-djarju ta' Ġemma Buġemma**

~~32~~ 31 ta' Jannar 2018

Illum qomt b'ħasda kbira fl-erbgħa ta' waranofsinhar għax ħsibthom l-erbgħa ta' filgħodu. Kif rajt li kienu ta' waranofsinhar tirt mis-sodda. Tlift ġurnata skola! U llum kellna logħba tennis fil-*break*. Jien ma nilgħabx tennis għax ma nistax nifhem x'gost fiha li titfa' ballun aħdar żgħir minn naħa għal oħra. Imma nieħu pjaċir narahom jilagħbu. L-unika darba li lgħabt tennis spiċċajt parti mix-xibka. Tfixkilt fiha waħda nobis. U ija, forsi aħjar ma mort xejn skola ara.

Ħeqq, imbagħad qgħadt nipprova nifhem x'ġara. La l-papà ma qajjimni u lanqas il-mamà u lanqas il-kelb. Il-kelb Masu. Tgħid għaliex ħadd ma qajjimni? Forsi baqgħu reqdin huma wkoll. Forsi ħarġu bil-kelb jew forsi ... Wara li kilt ftira bil-butir u xrobt tazza ħalib tal-frawli mill-kbar, ippruvajt insib il-mowbajl, u kif sibtu taħt turrun ħwejjeġ mill-kbar, ċempilt lill-papà u lill-mamà. U le! Il-kelb m'għandux mowbajl għax kieku kont inċempillu wkoll. Imma ma rrispondieni ħadd ...

*Paġna 77*

**Silta mid-djarju ta' Stella Abela**

Il-15 ta' Lulju 1942

Għażiż djarju,

Illum la hi xita tal-kesħa u lanqas xita tal-bard. Xita ta' sħana. U bombi wkoll. Ma waqfux neżlin, waħda wara l-oħra wara l-oħra. Kultant nistħajjilhom tnabar itanbru *tumm tumm tumm*. Imbagħad waħda kbira. Nipprova nsodd widnejja kemm niflaħ imma kollu ta' xejn.

Issa ilna ġimgħa noqogħdu Ħ'Attard. Ġejna noqogħdu maz-zijiet għax id-dar tagħna f'Ħal Luqa saret irmied. Din dar żgħira: żewġ kmamar isfel u waħda kbira fuq. Imma noqogħdu kif nistgħu u mal-kuġini (biex inkun għidtlek kollox) nidħaq tnejn ukoll. Bħal meta jumejn ilu morna Sant'Anton u Ġinu, il-kuġin iż-żgħir (naħseb iz-zija ma tħobbux ħafna biex semmietu hekk), qagħad jagħmel il-ħsejjes tal-papri b'ħalqu.

Ħa nħallik ħalli nieklu. L-għaġin b'xejn kultant jinżel għasel. Inwiegħdek li nikteb aktar ta' spiss u nġorrok dejjem miegħi.

Stella